A.L. 32 ta' l-1983

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 81 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 14 ta' l-1982

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-29 ta' Ġunju, 1983.

Jemenda t-Tabella II tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Tabella II tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-figura "£3.75c" għandha tidħol il-figura "Lm6".